**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Freddie Delia**

Numru 1147/2012

Illum id-disgha (9) ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Freddie Delia**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Alfred u Catherine xebba Camilleri, imwieled il-Pietà nhar l-20 t'April 1978 u residenti Nru. 28, Triq id-Dejqa, Zabbar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 207978(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer minn Lulju 2009 sa Dicembru 2009:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 6) datat 10 ta' Ottubru 2012 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 144/11 redatt mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman liema Process Verbal jikkontjeni Stqarrija Guramentata ta' Brandon Luke Meilaq (*a fol.* 12 *et seq.*).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 295 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 303), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 323) datat 6 ta' Jannar 2016 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 324), il-Qorti hadet konjizzjoni tal-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali tas-6 ta' Jannar 2016.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 327), lid-difiza tiddikjara li ma kellha l-ebda oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, lill-imputat jixhed min jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 330 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-8 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 357 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-16 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 360 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Johann J. Fenech** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn spjega li waqt li fis-sena 2009 kien qed jinvestiga kaz fatali ta' *overdose* ta' certu Justin Said, sab in-numru cellulari suspettuz 79920835 fejn irrizulta li kien ta' certu Brandon Meilaq (I.D. Nru. 530286(M)). Jghid li minn tfittxija li saret fid-dar tieghu fis-6 ta' Ottubru 2010 ma kien instab xejn illegali. Minkejja dan, ittiehdet stqarrija ta' Meilaq fis-6 ta' Ottubru 2010 fejn ghazel li jkellem avukat qabel beda jkellem lill-Ufficjal Prosekutur. Jghid x'inghad lilu f'din l-istqarrija fosthom li n-numru cellulari msemmi aktar qabel kien tal-imputat li huwa maghruf bhala l-"Pajpaj". Spjega x'qal aktar Meilaq fl-istqarrija rilaxxata minnu li eventwalment giet guramentata quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman. Jghid li sussegwentement baghat

ghall-imputat fejn fit-13 ta' Ottubru 2011 irrilaxxa stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JF" (*a fol.* 49 *et seq*). Ezebixxa wkoll sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Mizzi fil-konfront tal-imputat fid-9 ta' Marzu 2005, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 51 *et seq.*). Jghid li Brandon Luke Meilaq ghandu kaz kriminali pendenti kontra tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta baghat ghall-imputat, l-imputat irrisponda mal-ewwel ghad-domandi li saru lilu. Jikkonferma li l-imputat kien qallu verbalment li hu kien jixtri l-kokajina minn ghand Brandon Luke u mhux bil-kontra. Jghid li l-imputat ma qallux b'dan waqt li kien qed jirrilaxxa l-istqarrija peress li hu (l-iSpettur Fenech) ma kien semmielu l-ebda isem. Jghid li l-imputat kien mar minn rajh biex jghidlu li kien Meilaq li kien ibieghlu d-droga. Jghid li ma hassx li kellu jnizzel dan bil-miktub peress li ma emmnux. Ma jiftakarx meta l-imputat qallu dan il-kliem u ma jiftakarx jekk kienx il-habs jew le. Mitlub jikkonferma li dan il-kliem, u cioé li l-imputat kien jixtri minn ghand Meilaq, intqal lilu mill-imputat Delia l-ewwel darba li kien baghat ghalih fuq dan il-kaz, wiegeb: *"Jista' jkun"* (*a fol.* 47). Mistoqsi jghid jekk qallux mal-ewwel fl-ewwel okkazzjoni, wiegeb: *"Ma nafx issa, daka ma nafx, ma niftakarx"* (*a fol.* 48).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2013, xehed **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjega li fis-6 ta' Ottubru 2010 kien mar jezegwixxi mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Brandon Meilaq. Jghid li minn tfittxija li saret fir-residenza ta' Meilaq ma kien instab xejn. Jghid li kellu struzzjonijiet biex jarresta lil Meilaq u biex jiehdu d-Depot sabiex ikompli jigi nvestigat mill-iSpettur Fenech. Jghid li fil-fatt hekk ghamel.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li fit-tfittxija li saret minnu ma nstabu l-ebda drogi u l-ebda oggetti relatati maghha.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 69) fejn ezebixxa vera kopja ta' relazzjoni ezebita fil-kawza **Il-Pulizija vs. Brandon Luke Meilaq** liema relazzjoni giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "MB 1" (*loose envelope* fl-ahhar ta' Volum 1).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2013, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 78 *et seq.*)[1] fejn ezebixxa r-rapport li fih hemm elenku tal-assi tal-imputat, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JSN 1" (*loose envelope*). Ezebixxa bhala Dok. "JSN" (*a fol.* 84 *et seq.*) *reminders* mibghuta lill-kumpaniji li ma taw l-ebda risposta u ezebixxa wkoll lista tal-kumpaniji li ma rrispondewx, liema lista giet immarkata bhala Dok. "JSN 2" (*a fol.* 80 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **Anthony Bonnici** (*a fol.* 114 *et seq.*) in rapprezentanza ta' GO fejn meta gie mitlub jixhed dwar in-numru 79920835 qal li l-informazzjoni tinzamm sa sena u li t-talba kienet taqbez dan iz-zmien.

Illi fis-seduti mizmuma fit-28 ta' Awwissu 2013, fis-26 ta' Settembru 2013, fid-29 ta' Ottubru 2013, fit-8 ta' Jannar 2014, fit-18 ta' Frar 2014, fl-1 ta' April 2014, fit-8 ta' Mejju 2014 u fl-1 ta' Lulju 2014 xehdu numru ta' persuni in rapprezentanza ta' xi socjeta'/entita' fejn infurmaw lill-Qorti li ma kellhomx fil-pussess taghhom assi tal-imputat. Dawn in-nies huma s-segwenti: Conrad Grech (*a fol.* 142), l-Awditur Ray Vella (*a fol.* 144 u *a fol.* 159), Dr. Fransina Abela (*a fol.* 153 *et seq.* u *a fol.* 163), Monica Galea John (*a fol.* 155), Michael Wharton (*a fol.* 157), George Said (*a fol.* 161), Maryse Muscat (*a fol.* 170), Evander Borg (*a fol.* 172), Wayne Xuereb (*a fol.* 174), Robert Attard (*a fol.* 176), Enrico Depasquale (*a fol.* 178), Alexander Vella (*a fol.* 180), Jean Paul Azzopardi (*a fol.* 210), Michael Curmi (*a fol.* 219), Helen Meli Attard (*a fol.* 224 *et seq.*), John Galea (*a fol.* 229), Dr. Francis Zammit Dimech (*a fol.* 231), Dr. Lennart Depasquale (*a fol.* 234), Dr. Duncan Borg Myatt (*a fol.* 239) u Dr. Jonathan De Maria (*a fol.* 245).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2014, xehed **PC 642 Joseph Camilleri** (*a fol.* 255) fejn it-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu ma hargitx. Ghall-kull buon fini, il-Qorti tinnota li fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 58) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lil PC 642 Joseph Camilleri bhala xhud tal-istqarrija. Il-Qorti vverbalizzat dan ukoll fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 310 *et seq.*).

[1] It-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu moghtija fit-3 ta' Mejju 2013 ma gietx registrata (*a fol.* 68).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, xehed **Brandon Luke Meilaq** (*a fol.* 277 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma li l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu gew konkluzi. Mistoqsi jghid jekk jafx lill-imputat, wiegeb fin-negattiv. Jghid li meta gie arrestat mill-iSpettur Fenech, hu wrieh li ma kellux xewqa li jixhed u jaghmel stqarrija. Jghid: *"jiena wrejtu li jien ma ridtx nasal ghax qisni gejt sfurzat dejjem jissikkani, jissikkani, jiena qatt ma ridt naghmel hekk, qed tifhimni. Ma ridtx naghmel statement bhal ma xtaqni naghmel hu, jien mal-ewwel urejtu meta kien jinterrogani qatt ma ridt inwiegeb u dan ghax hu meta jarrestak jghidlek x'tista' taghmel u ma taghmilx, qatt ma tani dak ic-cans li naghmel hekk jien dejjem joqghod jissikkani"* (*a fol.* 277-278). Jghid li gie mgieghel iwiegeb bilfors. Jghid li l-iSpettur kien jghidlu: *"Ma jistax ikun, ma jistax ikun"* (*a fol.* 278), u jghid: *"Mhux nivvintah ikolli"* (*a fol.* 278). Jaf li gie applikat l-Artikolu 29 fil-konfront tieghu peress li kkoopera mal-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk giex sfurzat jew imsawwat, jghid li ma giex sfurzat. Jikkonferma li anke quddiem il-Magistrat mar u mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta jekk giex sfurzat mill-Magistrat wiegeb fin-negattiv. Meta rega' gie mistoqsi jghid jekk jafx lil Freddie Dellia, wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li l-iSpettur kien baghat ghalih f'Ottubru 2010 pero' ma jiftakarx fuq xiex. Jghid li l-kaz li kellu l-Qorti kien fuq traffikar. Mistoqsi dwar iz-zmien li gara fih dan il-kaz, wiegeb: *"Ma nafx insejt, totalment insejt"* (*a fol.* 280). Ikkonferma li kien jixtri d-droga u mistoqsi minn ghand min, wiegeb: *"Issa ma nafx hu"* (*a fol.* 280). Mistoqsi diversi drabi mill-Qorti minn ghand min kien jixtri d-droga, wiegeb li ma jafx.

**Brandon Luke Meilaq** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 310 *et seq.*) fejn ikkonferma li ma ghandux kazijiet pendenti l-Qorti. Jghid li lill-imputat Freddie Delia ma jafux. Jghid li m'ghandux idea min hu u li qatt ma sema bih. Mitlub mill-Qorti jhares lejn l-imputat u mistoqsi mill-Qorti jekk jafux, wiegeb fin-negattiv. Rega' gie mitlub ihares lejn l-imputat u jghid li ma jafux. Ikkonferma li l-Ufficjal Prosekutur Fenech kien baghat ghalih (ghal Meilaq) fis-6 ta' Ottubru 2010 u li kien irrilaxxa stqarrija. Ikkonferma wkoll li dak li nghad minnu kien gie kkonfermat bil-gurament. Jghid li dak li qal lill-iSpettur dakinhar huwa veru pero' jghid: *"imma l-imputat jien mhux qed naghrfu"* (*a fol.*

313). Meta gie muri ritratt li jinsab *a fol.* 19 tal-process (*a fol.* 7 tal-Process Verbal), mitlub jikkonferma li dak huwa Freddie Delia, wiegeb: *"Imma dan mhux l-istess"* (*a fol.* 314). Jghid li fir-ritratt muri lilu qed jara ragel u mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jghid jekk dak li jidher fir-ritratt hux l-istess imputat fl-awla, wiegeb: *"Dan iktar ohxon u fih ragel"* (*a fol.* 314). Ikkonferma li kellu l-vizzju li jiehu d-droga u li kien jixtriha minn ghand dak li jidher fir-ritratt. Mistoqsi jghid x'jismu dak li jidher fir-ritratt, jghid li ma jafx. Ikkonferma li f'dak iz-zmien hu kien joqghod Haz-Zabbar u li anke r-ragel li jidher fir-ritratt kien joqghod Haz-Zabbar. Jghid li hu kien jahdem bhala *ticket inspector*. Mistoqsi jghid kif sar jaf lil dak li jidher fir-ritratt jghid li sar jafu f'Haz-Zabbar peress li kien jarah il-kazin u kienu joqghodu jitkellmu. Jghid li tar-ritratt kien jaf bil-vizzju li hu (Meilaq) kellu tad-droga. Jghid li kien jixtri l-eroina minn dak tar-ritratt u mistoqsi jghid bil-kemm, wiegeb li nesa. Jghid li kien jixtri naqra' kuljum ghal madwar xahrejn minn ghand il-persuna li tidher fir-ritratt in kwistjoni. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx jaghtih xi tip ta' droga ohra, wiegeb: *"U gie li xtrajt naqra coke ukoll"* (*a fol.* 316). Ma jiftakarx kemm kien ihallas ghaliha u jghid li ma tantx kien jixtri spiss minnha peress li hija gholja u jghid li jahseb tkun xi hmistax il-Euro (€15.00) aktar. Jghid li dejjem hallas ghal dak li xtara u l-bicca l-kbira dejjem l-istess ammont kien jixtri. Mistoqsi jghid x'laqam kellu dak li kien jixtri minn ghandu, wiegeb: *"Jekk m'iniex sejjer zball tal-"Pajpaj" jghidulhom. Dawk qeghdin hafna"* (*a fol.* 317). Jghid li qeghdin hafna ahwa. Jghid li kien jixtri biss minn ghand dak li jidher f'ritratt *a fol.* 19. Meta gie mitlub ihares lejn l-imputat fl-awla u jara dak li jidher fir-ritratti msemmi, qal: *"Ma narahx jixxiebah mhux l-istess wiehed"* (*a fol.* 318). Ma jafx ezatt is-sena li kien jixtri minn ghandu pero' jghid li kien qabel baghat ghalih l-Ufficjal Prosekutur f'Ottubru 2010. Jghid li ma jafx is-sena ezatt.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, xehed l-imputat **Freddie Delia** (*a fol.* 330 *et seq.*) minn jeddu u b'mod volontarju fejn qal li fis-sena 2009 huwa kien separat minn ma' martu pero' xorta kien maghha. Jghid li f'dak iz-zmien kien jabbuza mid-droga. Jghid li kellu problemi tad-droga u li fis-sena 2008 kien ghadu hiereg mill-habs pero' mbaghad waqaf fis-sena 2011. Jghid li kien jiehu l-eroina u l-

kokajina. Mistoqsi jghid jekk dak iz-zmien kienx jahdem, wiegeb: *"Kont nahdem, inbiegh xi karrozza u nbieghha hekk qed tifhem, daqqa ngib ohra u nbieghha u naghmel xoghol ta' bennej"* (*a fol.* 331). Jghid li huwa jaf lil Brandon Luke Meilaq u jghid li meta kienu zghar kienu jkunu l-kazin u kienu jiehdu d-droga flimkien pero' mentri Meilaq kien ipejjipha, hu (l-imputat) kien jisnortjaha. Jghid: *"La hu qatt ma bieghli lili u lanqas jien qatt ma bieghejtlu"* (*a fol.* 331). Jghid li kienu jiltaqghu l-kazin u mistoqsi jghid jekk kienx isir kuntatt ma' xulxin bil-*mobile* wiegeb: *"Ifhem ezempju jcempilli jew incempillu qed tifhimni mhux forsi jien naf, qed tifhimni"* (*a fol.* 331). Meta saritlu riferenza ghal dak li qal Meilaq (rigward bejgh ta' *mobiles*, sim cards ecc) qal li hu (l-imputat) qatt ma kien biegh *mobiles* u li bejniethom qatt ma kien hemm bejgh ta' droga. Ghad-domanda: *"Jigifieri inti bil-gurament tieghek tikkonferma li inti qatt ma ghaddejtlu sim cards jew ghaddejtlu xi droga biex tbiegh, qatt ma kien hemm dak il-ftehim bejnietkom hux hekk?"* (*a fol.* 331), wiegeb: *"Bil-kemm kien ikolli ghal tieghi ahseb u ara nghaddi qed tifhem"* (*a fol.* 331). Ikkonferma li ttiehdet stqarrija tieghu. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li kien issemma Brandon Luke Meilaq, jghid: *"Ma niftakarx ezatt x'kien hemm fl-istqarrija jigifieri niftakar li kien urini r-ritratt l-iSpettur jigifieri ta' wiehed iehor ma nafux beda jkellimni fuq persuna ohra l-iSpettur"* (*a fol.* 332). Ma jiftakarx li l-iSpettur kien semmielu lil Brandon Luke Meilaq. Jghid: *"Ghax jien kien min ghalija li dan il-kaz ressaqni minghajr statement u xejn, ma kontx naf li dak l-istatement kif gie li tkellimt mieghek kellu x'jaqsam ma' dan il-kaz qed tifhem jigifieri hsibtu ta' xi haga ohra"* (*a fol.* 332). Jghid li jista' jaghti l-kaz li Meilaq gie li cempillu u jghid li kienu jiltaqghu l-kazin ma' persuni ohra. Jghid li l-iSpettur kien ghamel tfittxija meta kien hemm *overdose*. Mistoqsi jghid jekk lil Brandon Luke Meilaq qattx tah il-*mobile* tieghu personalment, wiegeb: *"Le l-mobile tieghi zgur mhux ser ntiehulu. Wiehed ikolli hux tieghi"* (*a fol.* 332). Jghid li hu u Meilaq ma kienux jiltaqghux ghal xi okkazzjoni specjali u li ma kienux ikunu mifthemin biex jiltaqghu. Jghid li wara li kellu zewg kazi ta' *overdose* f'gimgha wahda fis-sena 2010, kien hemm persuna li haditu f'komunita' religjuza u kien waqaf mid-droga fis-sena 2011. Jghid li beda jaghti l-awrina lil Caritas fuq ordni tal-Qorti u li baqa' *clean* sal-gurnata tallum. Jghid li beda jahdem ghax ha sahhtu peress li hu bennej kif ukoll kien izomm xi vettura ghax kien rega' beda

jahdem. Jghid li dahal il-habs fis-sena 2015, ghamel sena hemm u ghamel programm biex ikompli jissahhah. Jghid li lesta l-programm u f'Jannar rega' irritorna l-habs peress li *"kif jghaddulek l-ghaxar xhur imbaghad trid terga' tinzel il-habs"* (*a fol.* 333). Jghid li ghadu *clean* sal-gurnata tal-lum. Mistoqsi jghid jekk ghadux jaghti l-awrina, wiegeb li xi xahar qabel hadulu l-awrina l-habs. Jghid li llum il-gurnata gheleb il-problema tad-droga.

In <u>kontro-ezami</u> mitlub jikkonferma jekk fl-ahhar sitt xhur tas-sena 2009 kellux cellulari bin-numru 79920835, wiegeb li ma jiftakarx. Mitlub jikkonferma jekk f'Lulju 2009 kellux Mitsubishi Shogun, jghid li kellu diversi vetturi. Jaf li Meilaq kellu xi xoghol bhala *dispatcher*. Jghid li mhux vera li ried lil Meilaq ibieghlu d-droga u hu jbiegh lilu. Jghid: *"Le mhux veru lanqas fil-gebel qatt ma haddimt nies mieghi. Dejjem jien hdimt man-nies"* (*a fol.* 334). Jichad li kien iltaqa' ma' Meilaq u hu (l-imputat) ghaddielu pakketti b'xi droga u qallu (lil Meilaq) biex ibieghhomlu. Jichad li c-cellulari li ssemma aktar kmieni fil-kontro-ezami kien tieghu (tal-imputat) pero' hu ghaddieh lil Meilaq u qallu biex min icempel, jaqdih. Jichad li wara li Meilaq kien ibiegh, kienu ftehmu li jaqsmu l-hlas. Jghid: *"Le mhux veru qatt ma kien hemm dan bejnietna. Li kien hemm bejnietna kien hemm dik il-hbiberija u gie li hadna d-droga flimkien hekk gol-kazin tal-baqra stess hemmhekk Haz-Zabbar qed tifhem u mbaghad il-hbiberija kienet tkissret bejnietna ghax kien ittantali lill-mara u ma kienx hemm xi glied bejnietna ta' imma mbaghad taf inti qisu la darba jidhlu dawk l-affarijiet ma bqajniex naghmluha flimkien li niltaqghu bhala hbieb"* (*a fol.* 334-335). Jghid li hu qatt ma ltaqa' ma' Meilaq u tkellem mieghu fuq traffikar. Jixhed: *"qatt ma nnegozjajna xejn bejnietna, xejn la mobiles, la karozzi u lanqas droga jigifieri u lanqas fil-gebel qatt ma gie jahdem mieghi qed tifhem"* (*a fol.* 335). Mistoqsi jghid jekk hu (l-imputat) ghamilx kuntatt ma' Meilaq minn mindu l-iSpettur kellem lil Meilaq sakemm xehed il-Qorti wiegeb: *"Iva darba hu gie jkellimni"* (*a fol.* 335). Jghid li meta t-tnejn kienu l-habs Meilaq kien f'*division* differenti, pero' jghid: *"imma gieli ltqajna qed tifhem"* (*a fol.* 335). Jghid li hu (l-imputat) qatt ma kellmu fuq dan il-kaz.

In <u>ri-ezami</u> mistoqsi jghid f'liema zmien Meilaq kien jittantalu lill-mara, wiegeb li fiz-zmien li kienu jaghmluha flimkien.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 337), id-difiza talbet lill-Prosekuzzjoni tezebixxi l-fedina penali ta' Brandon Luke Meilaq, liema fedina penali giet ezebita fit-8 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 339 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017, xehed **Gordon John Manché** (*a fol.* 350 *et seq.*) fejn qal li huwa jaf lill-imputat mill-komunita' "River of Love" peress li l-imputat kien imur regolari. Jghid li ilu jaf lill-imputat ghal madwar hames snin u nofs. Mistoqsi jghid x'ra fl-imputat tul dan iz-zmien, wiegeb: *"Jien dejjem rajt karattru ezemplari mal-komunita' wieheb li jhobb, wiehed li jmidd idu, u wiehed li anke bhala jien il-Pastor tieghu bhala l-komunita' River of Love dejjem ikkoopera u lest li jobdi. Jien mieghi dejjem hekk ghamel dejjem mal-komunita' u dejjem kien ta' ghajnuna"* (*a fol.* 350). Jghid li l-imputat ta hajtu lil Mulej u li fuq qabel ma jafx. Jghid: *"meta ta hajtu lill-Mulej, naf il-hajja tieghu fil-passat, imma fil-hajja tieghu minn mindu hu kkommetta hajtu lil Gesu Kristu, hajtu nbidlet u ovvjament mhux jien biss, ra l-bidla drastika li l-Mulej verament ghamel fil-hajja tieghu"* (*a fol.* 351).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018, xehed **Noel Cassar** (*a fol.* 353 *et seq.*) fejn spjega li huwa *care worker* mal-Agenzija Caritas. Jghid li ilu jaf lill-imputat mit-12 ta' Mejju 2016 meta l-imputat beda programm imsejjah *Prison Inmates Programme*, liema progamm spiccah kollu b'success fejn l-imputat mexa dejjem tajjeb u kien jahdem regolari. Jispjega li minn zmien ghal zmien kienet tittiehed l-awrina tal-imputat li kienet tirrizulta fin-negattiv. Jghid li l-imputat kompla s-sentenza ta' prigunerija li kellu. Jispjega li madwar tliet gimghat qabel regghet giet iccekjata l-awrina li rrizultat fin-negattiv. Ezebixxa d-dokument li xehed minnu li gie mmarkat bhala Dok. "NC 1" (*a fol.* 355 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-<u>istqarrija</u> (Dok. "JF" – *a fol.* 49 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Johann J. Fenech, liema stqarrija giet rilaxxata fit-13 ta' Ottubru 2011 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja

ghal dan id-dritt, l-imputat qal li ma jahdimx u li huwa mizzewweg u li maghruf bhala "tar-rizzi" u tal-"Pajpaj". Mistoqsi jghid x'vetturi kellu, jghid li ma ghandux. Jichad li jaf lil certu Justin Said. Ghad-domanda: *"Dan fil-phonebooks tal-mobiles tieghu nstabu zewg numri mnizzlin bhala "Paipai" u "Paipai Second. Xi tghid ghal dan?"* (*a fol.* 49), ghazel li ma jwegibx. Ma jiftakarx x'numri kellu tal-*mobile* f'dawk iz-zmenijiet. Wara li nghaddu lilu tliet numri, wiegeb: *"Impossibbli li niftakar in-numri li kelli sentejn ilu"* (*a fol.* 50). Meta gie kkonfrontat li dan kien cempillu u kien anke baghtlu xi messaggi (lill-imputat), wiegeb: *"Jiena lili ma cempillix personali u lanqas baghtli messaggi. Kieku baghtli messaggi kien ikun ghalxejn ghax jiena la naf naqra u lanqas nikteb"* (*a fol.* 50). Mistoqsi jghid jaqbilx li f'Awwissu 2009 kellu Mitsubishi Shogun u kien anke habat bih, wiegeb: *"Jista' jkun imma ma niftakarx"* (*a fol.* 50). Jghid li qatt ma sema' b'Justin Said li miet kagun ta' *overdose* ta' droga. Jichad li gie li biegh droga lil Said. Ghad-domanda: *"Ara nghidx sew li inti ghamilt zmien tixtri l-linji tal-'mobiles' u l-'mobile phones' u tghaddihom lil terzi biex ibieghu d-droga ghan-nom tieghek, veru dan?"* (*a fol.* 50), wiegeb: *"Le mhux vera"* (*a fol.* 50). Jichad li bi nhar il-*mobile* kien ikun ghand in-nies u dawn jergghu jirritornawh fil-ghaxija. Jichad li baghat xi nies ibieghu d-droga lil Justin Said.

**Ikkunsidrat**

Illi l-atti processwali jikkontjenu l-Process Verbal bin-Numru 144/11 (*a fol.* 12 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman. F'dan il-Process Verbal, l-iSpettur Johann J. Fenech ezebixxa stqarrija rilaxxata minn Brandon Luke Meilaq fis-6 ta' Otturbu 2010 liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. "JJF" (*a fol.* 20 *et seq.*) u kif ukoll ritratt li gie mmarkat bhala Dok. "1" (*a fol.* 19). L-iSpettur Fenech qal li dan ir-ritratt juri lil Freddie il-"Pajpaj" li huwa msemmi fl-istqarrija.

Illi l-istess Process Verbal hawn fuq imsemmi jikkontjeni d-depozizzjoni guramentata ta' Brandon Luke Meilaq.

Illi fl-istqarrija (Dok. "JJF" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minn Brandon Luke Meilaq fis-6 ta' Ottubru 2010, Meilaq ikkonferma li huwa

ezercita d-dritt li jiehu parir legali qabel ma rrilaxxa l-istqarrija (*a fol.* 17). Qabel li bejn Lulju u Dicembru 2009 kellu *mobile* bin-numru 79920835 liema *mobile* jghid kien ta' Freddie Delia maghruf bhala l-"Pajpaj". Mistoqsi jghid kif spicca ghandu, wiegeb: *"Darba fil-bidu ta' Lulju tat-2009 kont qed xoghol il-Birgu u ghall-habta tas-14.00hrs rajt lil Freddie Delia ghaddej bil-Mitsubishi Shogun blu, waqqaftu u ghidtlu li xtaqt inbiegh mieghu. Hu accetta u 'l ghada ltqajna Haz-Zabbar gewwa Garden Road wara nofsinhar. Tani xi tliet pakketti kokajina u tliet pakketti eroina u l-'mobile' li semmejt qabel u qalli biex min icempel naqdih. U jien hekk ghamilt"* (*a fol.* 21). Jghid li lill-"Pajpaj" kien jafu qabel fil-qasam tal-abbuz tad-droga. Jghid li dejjem gab xoghol minn ghand Freddie u li kien ibiegh il-pakketti ghall-prezz ta' ghoxrin Euro (€20.00) il-wiehed. Jghid li qatt ma biegh xi haga ohra minbarra kokajina u eroina. Mistoqsi jghid jekk Freddie kienx ihallsu ta' dan ix-xoghol, wiegeb li kienu jaqsmu l-qliegh nofs bin-nofs. Mistoqsi jghid kif kienu jiftiehmu biex Freddie jaghtih ix-xoghol, wiegeb: *"Dejjem Garden Road, Zabbar u l-istess hin"* (*a fol.* 21). Jghid li dam jaqdi lil Delia sitt xhur sakemm hu (Meilaq) inqabad fl-20 ta' Dicembru 2009. Rigward il-*mobile* li ssemma qabel, qal li sas-13.00hrs kien ikun ghand Freddie u mis-13.00hrs sat-20.00hrs kien ikun ghandu (ghand Meilaq). Jghid li mit-20.00hrs sa filghodu jerga' jmur ghand il-"Pajpaj". Mistoqsi jghid jekk Freddie qattx tah xi pakkett ghall-uzu personali, wiegeb: *"Le. Kont niehu jien mill-pakketti li jtini. Kemm kokajina u anke erojina"* (*a fol.* 21). Jghid li mhux il-*mobile* biss kien ta' Freddie, pero' anke l-linja. Ghad-domanda: *"Inti ghidtli wkoll li l-linja kien irregistraha fuqek. Meta kien dan?"* (*a fol.* 21), wiegeb: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 22). Ghad-domanda jekk jistghax ikun li l-linja giet registrata fuqu (fuq Meilaq) f'Dicembru 2009, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li l-linja mhux minn dejjem kienet registrata fuq ismu (fuq isem Meilaq). Meta gie mistoqsi jghid min hu l-persuna li jidher f'ritratt bin-numru "1" (*a fol.* 19), qal li dak huwa Freddie Delia. Qal li kien lest jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament.

L-istqarrija hawn fuq imsemmija giet guramentata minn Meilaq quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman fis-7 ta' Ottubru 2010 u dana wara li l-Magistrat infurmatu li kien hemm riskju li setgha jinkrimina lilu nnifsu.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat li forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina u eroina. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li huwa recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta).

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq dak li nghad minn Brandon Luke Meilaq meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "JJF" – *a fol.* 20 *et seq.*), il-kontenut ta' liema stqarrija gie kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman (*a fol.* 23 *et seq.*). Eventwalment Meilaq xehed kemm quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u kif ukoll quddiem din il-Qorti kif preseduta. Bazikament, fl-istqarrija (Dok. "JJF – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu, Meilaq isostni li Freddie Delia maghruf bhala l-"Pajpaj" kien jaghtih d-droga eroina u kokajina biex hu (Meilaq) ikun jista' ibieghha u mbaghad kienu jaqsmu l-qliegh nofs bin-nofs. Dan jikkonfermah ukoll fl-istqarrija guramentata tieghu (*a fol.* 23 *et seq.*). Ghandu jinghad li fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, Meilaq jghid li ma gharafx lil Freddie Delia fl-awla, pero' fuq dan ser isiru konsiderazzjonijiet ulterjuri aktar il-quddiem f'din is-sentenza. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, Meilaq xehed li kien jixtri d-droga eroina u kokajina minn ghand dak li jidher fir-ritratt (*a fol.* 19) li jghid li ma jafx x'jismu. Da parte tieghu, l-imputat jichad li Meilaq kien ibieghlu d-droga u li hu kien ibiegh lilu. Jghid li gie li hadu d-droga flimkien.

Illi l-Qorti tinnota li fi kwistjonijiet bhal dawk li jemergu f'dawn il-proceduri dejjem se ssib verzjonijiet kunfliggenti u dak li jkun jaghmel minn kollox sabiex inehhi d-dell minn fuqu u, jista' jaghti l-kaz (li m'huwiex il-kaz fil-kawza odjerna), jitfa' d-dubju fuq il-parti li tkun qed takkuzah. Ghadu kemm inghad *"li m'huwiex il-kaz fil-kawza odjerna"* peress li, fil-kaz odjern, l-imputat ma jghidx li kien jixtri d-droga minn ghand Brandon Luke Meilaq pero' huwa jichad

li qatt biegh xi droga ghal Brandon Luke Meilaq u dana a kuntrarju ta' dak li jghid x-xhud Brandon Luke Meilaq li jghid li kien ibiegh id-droga ghal Freddie Delia.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata mill-banda l-wahda lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni *ossia* Brandon Luke Meilaq, li huwa kategoriku meta jghid li kien ibiegh id-droga ghal Freddie Delia u mill-banda l-ohra li ghandha tinghata lill-imputat.

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt li skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. *Di fatti*, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun

timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud

> tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz: […]".

Illi skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li min ghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem Magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

**Ikkunsidrat**

Illi tul id-depozizzjoni tieghu fil-Qorti, ix-xhud Meilaq ma identifikax lill-imputat Freddie Delia fl-awla bhala l-persuna ghal min kien ibiegh d-droga. Minkejja dan, fl-istqarrija guramentata rilaxxata quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman, meta Meilaq gie muri ritratt bin-numru "1" (*a fol.* 19) huwa qal li dak il-persuna li jidher fir-ritratt huwa Freddie Delia. Ghal kull buon fini, fil-Process

Verbal li jikkontjeni l-istqarrija guramentata ta' Meilaq, l-iSpettur Fenech jghid li dan ir-ritratt juri lil Freddie l-"Pajpaj". **M'huwiex kredibbli Meilaq meta, quddiem il-Qorti diversament preseduta, ghad-domanda minn ghand min kien jixtri d-droga huwa wiegeb li ma jafx**. Di fatti, il-Qorti diversament preseduta waqfet id-depozizzjoni tieghu u fil-verbal tas-seduta in kwistjoni, u cioé dik tas-17 ta' Frar 2015 (*a fol.* 276), gie verbalizzat hekk: *"Il-Qorti ssib lil Brandon Luke Meilaq hati ta' disprezz u tikkundannah ghal hlas ta' 100 Euro. Il-Qorti qed twissi l-imputat dwar il-konsegwenza ta' xhieda falza u taghtih zmien sabiex jahseb fuq ix-xhieda tieghu"* (*a fol.* 276). **M'huwiex lanqas kredibbli Meilaq meta quddiem il-Qorti kif preseduta qal li lill-imputat Freddie Delia ma kienx jafu u meta qal li m'ghandux idea min hu u li qatt ma sema' bih.** Mit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni ta' Meilaq, jirrizulta s-segwenti:

Pros.: *"Jigifieri l-verita' hija din li qed tghid tal-lum li ma tafux? Jew ta' dakinhar? Ghax inti tiftakar li qieghed bil-gurament jigifieri either or hemm".*

Xhud: *"ta' dak li ghidt veru imma l-imputat jien mhux qed naghrfu".*

Il-Qorti: *"Pero' dak li ghidt lill-iSpettur dakinhar fid-dikjarazzjoni tikkonferma li huwa vera jew le?"*

Xhud: *"ehe vera"* (*a fol.* 313).

Ghal kull buon fini, meta Meilaq xehed quddiem il-Qorti kif preseduta fl-1 ta' Dicembru 2015, il-Qorti kif preseduta hasset il-htiega li jigi verbalizzat is-segwenti: *"Il-Qorti tinnota wkoll li tara somiljanza kbira bejn l-imputat prezenti fl-awla u l-persuna li tidher fir-ritratt li gie muri lix-xhud Brandon Meilaq fis-seduta tal-lum, li l-istess Meilaq qal illi l-imputat u l-persuna li tidher fir-ritratt mhumiex l-istess persuna"* (*a fol.* 311). Minkejja li Meilaq jixhed li kien gie sfurzat u issikkat u li hu ma riedx jaghmel *statement* (*a fol.* 277-278), ma jirrizulta bl-ebda mod li Meilaq irrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "JJF" – *a fol.* 20 *et seq.*) b'xi theddid jew b'xi sforz, anzi jirrizulta li din l-istqarrija hija wahda mexxejja fejn ghal kull domanda, kien hemm risposta ecc. Tant ma kien l-ebda theddid jew sforz, li meta

Meilaq gie mitlub jikkonferma bil-gurament l-istqarrija rilaxxata minnu, minkejja li l-Magistrat Dr. Miriam Hayman infurmatu li kien hemm riskju li setgha jinkrimina lilu nnifsu, Meilaq xorta ghazel li jigguramentaha. Di fatti, aktar tard waqt id-depozizzjoni tieghu, ghad-domanda: *"Inti ghal li jista' jkun sfurzak, sawtek?"* (*a fol.* 278), wiegeb: *"Le, le, le mhux sfurzani"* (*a fol.* 278). Ghad-domanda: *"anke quddiem il-Magistrat mort….anke l-Magistrat sfurzak?"* (*a fol.* 279), wiegeb: *"Le, le, le"* (*a fol.* 279). Ghal kull buon fini, minkejja li l-Prosekuzzjoni talbet li Brandon Luke Meilaq jixhed permezz ta' trasmissjoni televiziva kontemporanja (*a fol.* 286), il-Qorti kif preseduta cahdet din it-talba fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015 ghar-ragunijiet indikati fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 310 *et seq.*). Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti m'ghandux ikollha dubju li Freddie Delia msemmi minn Meilaq huwa effettivament l-imputat fil-kawza odjerna. Pero' dak li trid tara l-Qorti issa huwa jekk l-atti processwali jikkontjenux provi bizzejjed sabiex l-imputat jinstab hati ta' dak akkuzat bih.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija ben konxja tal-fatt li fl-istqarrija tieghu (Dok. "JJF" – *a fol.* 20 *et seq.*) Meilaq isostni li Freddie Delia kien jaghtih id-droga eroina u kokajina biex hu (Meilaq) ikun jista' ibieghha u mbaghad jaqsmu l-qliegh nofs bin-nofs. Dan jikkonfermah ukoll fl-istqarrija guramentata tieghu (*a fol.* 23 *et seq.*). Il-Qorti hija wkoll konxja tal-fatt li meta Meilaq xehed quddiem il-Qorti (*a fol.* 312 *et seq.*), Meilaq xehed li kien jixtri d-droga eroina u kokajina minn ghand dak li jidher fir-ritratt (*a fol.* 19) minghajr ma identifika lil Freddie Delia fl-awla.

Illi dak li nghad fil-paragrafu precedenti mehud wahdu u mehud in izolament ma ghandux iwassal ghal prova li effettivament dak li qal Meilaq huwa bilfors minnu. Minkejja li l-Qorti kif preseduta ma semghetx ix-xhieda kollha f'dawn il-proceduri, pero' jista' jinghad li l-Qorti kif preseduta semghet id-depozizzjonijiet l-aktar importanti u cioé dik ta' Brandon Luke Meilaq meta huwa ddepona t-tieni darba u kif ukoll dik tal-imputat, u dana ghajr ghaz-zewg xhieda prodotti mid-difiza. Il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponi

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta imsemmi hawn fuq fis-sens li hadet in konsiderazzjoni d-depozizzjoni ta' Brandon Luke Meilaq u l-imputat u jekk ix-xiehda moghtija minnhom kinitx wahda konsistenti jew kinitx imsahha minn xiehda ohra. Apparti l-fatt li quddiem il-Qorti Meilaq qal li ma jafx min hu Freddie Delia, haga li l-Qorti diga' qalet li tqis li mhijiex kredibbli, kemm Brandon Luke Meilaq u kif ukoll l-imputat kienu pjuttost konsistenti f'dak li xehdu u l-ebda wiehed minnhom ma ezita jikkonferma dak li huwa kien qed jixhed. Dan ma tantx jghin l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti skond il-ligi meta rinfaccjata bid-depozizzjonijiet taghhom.

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali jikkontjenu wkoll is-segwenti:

- Fil-kontro-ezami tieghu, l-iSpettur Johann J. Fenech ikkonferma li l-imputat kien qallu verbalment li hu kien jixtri l-kokajina minn ghand Brandon Luke Meilaq u mhux bil-kontra. Jghid li l-imputat kien mar minn rajh biex jghidlu li kien Meilaq li kien ibieghlu d-droga. L-iSpettur jghid li ma hassx li kellu jnizzel dan bil-miktub peress li ma emmnux. Ma jafx jekk l-imputat qallux dan il-kliem mal-ewwel ma' l-ewwel okkazzjoni li kellem lill-imputat.

- Fir-rigward tan-numru cellulari 79920835, il-Qorti tinnota li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk lil Brandon Luke Meilaq qattx tah il-*mobile* tieghu personalment, wiegeb: *"Le l-mobile tieghi zgur mhux ser ntiehulu. Wiehed ikolli hux tieghi"* (*a fol.* 332). In kontro-ezami, meta l-imputat gie mitlub jikkonferma jekk fl-ahhar sitt xhur tas-sena 2009 kellux cellulari bin-numru 79920835, wiegeb li ma jiftakarx. L-imputat jichad li huwa ghadda c-cellulari in kwistjoni lil Meilaq u li qallu li biex min icempel, jaqdih. Minkejja li l-iSpettur Johann J. Fenech jixhed li n-numru cellulari 79920835 irrizulta li kien ta' Brandon Luke Meilaq, da parte tieghu, ir-rapprezentant tal-GO, cioé Anthony Bonnici meta gie mitlub jixhed dwar in-numru 79920835 qal li l-informazzjoni tinzamm sa sena u li t-talba kienet taqbez dan iz-zmien. Minkejja li fl-istqarrija (Dok. "JJF" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minn Meilaq, Meilaq jghid li l-*mobile* bin-numru

79920835 kien ta' Freddie Delia, tenut kont ta' dak li nghad f'dan il-paragrafu, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat ta' min kien in-numru cellulari msemmi.

- Mir-rapporti mhejjija minn Dr. Martin Bajada (*loose envelope* fl-ahhar ta' Volum 1) u Dr. John Seychell Navarro (Dok. "JSN 1" – *loose envelope*) ma jirrizulta xejn li b'xi mod jew iehor jista' jwassal lil din il-Qorti tistabbilixxi jekk hux minnu dak li qal Meilaq fir-rigward ta' Freddie Delia.

- Iz-zewg xhieda mressqa mid-difiza, cioé l-*Pastor* Gordon John Manché u l-*care worker* Noel Cassar xehdu b'mod pozittiv fuq kif progressat il-hajja tal-imputat. Minkejja dan, ir-rilevanza ta' dawn iz-zewg xhieda hija biss relatata mal-fatt li l-hajja tal-imputat inbidlet ghall-pozittiv pero' id-depozizzjoni taghhom ma ghandhiex importanza partikolari rigward il-fatt jekk l-imputat huwiex hati jew le tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu li jaghmlu riferenza ghas-sena 2009 u dana qieghed jinghad peress li mentri Manché, li xehed f'Novembru 2017, jghid li ilu jaf lill-imputat ghal madwar hames snin u nofs, Noel Cassar xehed li ilu jaf lill-imputat mit-12 ta' Mejju 2016.

- Da parte tieghu, l-imputat Freddie Delia xehed li fis-sena 2009 kien jabbuza mid-droga. Jghid li kellu problemi tad-droga u li fis-sena 2008 kien ghadu hiereg mill-habs pero' mbaghad waqaf fis-sena 2011. Jghid li kien jiehu l-eroina u l-kokajina.

- Apparti li l-imputat jixhed li huwa kien jiehu d-droga, ma rrizulta li nstab xejn fuqu – la droga u anqas oggetti relatati maghha – u jirrizulta li l-Pulizija nstitwiet il-proceduri odjerni a bazi ta' dak li qal Meilaq meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu. Fir-rigward ta' Meilaq, l-imputat jghid li kienu jiehdu d-droga flimkien.

Illi apparti l-fatt li l-imputat jichad li huwa kien jghaddi xi droga lil Meilaq, huwa jichad ukoll li kien iltaqa' ma' Meilaq u hu (l-imputat) ghaddielu pakketti b'xi droga u qallu (lil Meilaq) biex ibieghhomlu.

L-imputat jichad ukoll li wara li Meilaq kien ibiegh kienu ftehmu li jaqsmu l-hlas.

Illi l-Qorti tistaqsi: tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, tista' l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dak li nghad minn Meilaq fil-konfront tal-imputat huwa effettivament minnu? Il-Qorti tistaqsi wkoll: mehud dak li nghad hawn fuq u mehud ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-Qorti kif diversament preseduta u anke dik preseduta ma emmnux lil Meilaq meta huwa beda jghid li ma jafx min hu Freddie Delia (tant li l-Qorti kif diversament preseduta sabitu hati ta' disprezz u mmultatu u l-Qorti kif preseduta hasset li kellha taghmel verbal rigward is-somiljanza kbira li rat bejn l-imputat u dak il-persuna li jidher fir-ritratt li Meilaq gie muri), ghandha l-Qorti temmen dak kollu li nghad minn Meilaq, meta mill-bqija tal-atti processwali ma jirrizulta xejn aktar? Ir-risposta hija: <u>Le</u>! Il-Qorti m'ghandhiex temmnu lil Meilaq ghaliex jezistu wisq domandi dwar dak li qal Meilaq li kien kapaci jghid li ma kienx qed jaghraf lil Freddie Delia fl-awla! Il-Prosekuzzjoni tista' tghid li Freddie Delia qal hekk ghax kien qed jibza' pero' il-Qorti ma rrizultalhiex din il-biza'. Kienet <u>biss</u> il-Prosekuzzjoni li ghamlet talba biex id-depozizzjoni ta' Meilaq tittiehed permezz ta' trazmissjoni televiziva kontemporanja. Mid-depozizzjoni tieghu, imkien ma jidher li Meilaq kien sfurzat jew imbezza' u ghaldaqstant il-Qorti tistaqsi ghala ghandha temmen lil Meilaq f'dak li qal meta huwa kien lest jghid li ma kienx qed jaghraf lil Freddie Delia fl-awla?! Dan qieghed jinghad b'mod specjali ghaliex, ghajr ghal dak li qal Meilaq, l-atti processwali ma jikkontjenu l-ebda prova ohra a favur it-tezi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputat ghax, f'dak il-kaz, il-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni diversa. Ma jirrizultax sodisfacentement pruvat dak li nghad minn Meilaq fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni tapplika l-insenjament fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** msemmija hawn fuq u l-Qorti mhijiex ser tistrieh fuq id-depozizzjoni ta' Meilaq kif *del resto* tista' taghmel.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex konvinta li dak li Brandon Luke Meilaq isostni effettivament sehh u minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar jekk il-verzjoni moghtija minn Meilaq hijiex veritjiera u jekk dik tal-imputat mhijiex, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. In segwitu ta' dan kollu, il-Qorti ser ikollha tiskarta dak li qal Brandon Luke Meilaq. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinstab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu. Isegwi wkoll li l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tikkunsidra jekk l-imputat huwiex recidiv *stante* l-liberazzjoni tal-imputat ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Freddie Delia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti, liema talba saret fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Freddie Delia gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Finalment, peress illi l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward ta' dak li xehed Brandon Luke Meilaq u li setgha rrenda lilu nnifsu hati ta' spergur fi proceduri kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni u fl-eventwalita' li jirrizultawlu provi

sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra Brandon Luke Meilaq li jkunu opportuni u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**